IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 30.11.2016
COM(2016) 860 final

KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW, LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI U LILL-BANK EWROPEW TAL-INVESTIMENT

Enerġija Nadifa Għall-Ewropej Kollha

MT MT

1. INTRODUZZJONI

L-Unjoni tal-Enerġija hija waħda mill-għaxar prijoritajiet tal-Kummissjoni Juncker. Bl-għan li timmodernizza l-ekonomija tal-UE, din taħdem id f'id ma' inizjattivi ewlenin oħra bħalma huma s-Suq Uniku Diġitali, l-Unjoni tas-Swieq Kapitali u l-Pjan ta' Investiment għall-Ewropa sabiex jinkisbu riżultati fl-impjiegi, fit-tkabbir u fl-investiment għall-Ewropa.

Dan il-"pakkett" jippreżenta opportunità biex jitħaffu kemm it-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa kif ukoll it-tkabbir u l-ħolqien tal-impjiegi. Billi jimmobilizza sa EUR 177 biljun addizzjonali f'investiment pubbliku u privat kull sena mill-2021, dan il-pakkett jista' jiġġenera żieda sa 1 % fil-PDG tul id-deċennju li ġej u joħloq 900 000 impjieg ġdid[1]. Dan se jfisser ukoll li fuq medja, l-intensità tal-karbonju tal-ekonomija tal-UE se tkun 43 % inqas fl-2030 milli bħalissa[2], bl-elettriku rinnovabbli jirrappreżenta madwar nofs it-taħlita ta' ġenerazzjoni tal-elettriku tal-UE[3].

Figura 1: Il-modernizzazzjoni tal-ekonomija — Ir-rwol tal-Unjoni tal-Enerġija u l-Azzjoni Klimatika

Aġenda għall-Ħiliet għall-Ewropa



Il-Ftehim ta' Pariġi huwa l-ewwel tat-tip tiegħu u ma kienx ikun possibbli li kieku ma kienx għall-Unjoni Ewropea. Illum issuktajna nuru t-tmexxija tagħna u nagħtu prova li, flimkien, l-Unjoni Ewropea tista' tikseb ir-riżultati. – **Jean-Claude Juncker**, fuq ir-ratifika mill-UE tal-Ftehim ta' Pariġi, l-4 ta' Ottubru 2016

Is-settur tal-enerġija huwa settur importanti għall-ekonomija Ewropea: il-prezzijiet tal-enerġija jaffettwaw il-kompetittività tal-ekonomija kollha u jirrappreżentaw medja ta' 6 % tal-infiq annwali tal-familji[4]. Dan is-settur jimpjega kważi 2,2 miljun ruħ, mifruxa fuq 90 000

[1] Il-Valutazzjoni tal-Impatt għall-emenda tad-Direttiva dwar l-Effiċjenza Enerġetika, SWD(2016) 405.
[2] Ir-riżultati sottostanti tal-Valutazzjoni tal-Impatt għall-emenda tad-Direttiva dwar l-Effiċjenza Enerġetika, SWD(2016) 405.
[3] Il-Valutazzjoni tal-Impatt għar-riformulazzjoni tad-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli, SWD(2016) 418.
[4] COM(2016) 769.

impriża madwar l-Ewropa[5], li jirrappreżentaw 2 % tal-valur miżjud globali[6]. Warajh hemm industrija tal-manifattura ta' suċċess li twassal it-tagħmir u s-servizzi meħtieġa, mhux biss fl-Ewropa, iżda wkoll madwar id-dinja. L-iżvilupp ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli u prodotti u servizzi tal-effiċjenza enerġetika wassal għall-ħolqien ta' negozji ġodda fl-Ewropa kollha li jipprovdu għejun ġodda ta' impjiegi u tkabbir għall-Ewropej. L-impatti tal-impjiegi tal-Unjoni tal-Enerġija jmorru lil hinn sew mill-industrija tal-provvista tal-enerġija: Pereżempju, aktar minn miljun ħaddiem huma impjegati, direttament jew indirettament, f'setturi relatati mal-enerġija rinnovabbli[7] u madwar miljun f'setturi relatati mal-effiċjenza fl-użu tal-enerġija[8].

L-Unjoni tal-Enerġija hija l-mutur ewlieni tal-UE u l-akbar kontribut tagħha għal tranżizzjoni globali u komprensiva lejn ekonomija b'livell baxx ta' karbonju. L-UE nnegozjat il-Ftehim ta' Pariġi f'Diċembru li għadda u grazzi għar-ratifika rapida tal-UE, dan l-ewwel ftehim globali dwar il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima daħal fis-seħħ lanqas biss sena wara fl-4 ta' Novembru 2016. Il-Ftehim ta' Pariġi jagħti direzzjoni ċara u ambizzjuża għall-investiment fl-innovazzjoni b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju. L-implimentazzjoni tal-impenji ambizzjużi ta' Pariġi tal-UE dwar it-tibdil fil-klima hija prijorità u tiddependi ħafna fuq it-tranżizzjoni b'suċċess għal sistema enerġetika nadifa billi żewġ terzi tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra jirriżultaw mill-produzzjoni u l-użu tal-enerġija.

Huwa daqstant importanti li jiġi żgurat li t-tranżizzjoni għal sistema tal-enerġija nadifa tkun ta' benefiċċju għall-Ewropej kollha. Il-konsumaturi kollha anke dawk vulnerabbli u dawk li jinsabu f'faqar enerġetiku għandhom iħossuhom involuti u jaħsdu l-benefiċċji tanġibbli għal aċċess għal enerġija aktar sigura, nadifa u kompetittiva, li huma l-objettivi ewlenin tal-Unjoni tal-Enerġija. Il-Kummissjoni diġà ppreżentat l-Istrateġija Qafas tal-Unjoni tal-Enerġija[9], proposti dwar is-sigurtà tal-provvista tal-gass[10], is-sistema tal-iskambju tal-emissjonijiet tal-UE[11] u r-regoli relatati dwar il-qsim tal-isforzi[12] u l-użu tal-art u l-forestrija[13] kif ukoll strateġija dwar il-mobilità b'emissjonijiet baxxi[14].

Kif imħabbar fil-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni għall-2017[15], il-Kummissjoni llum qed tippreżenta proposti regolatorji u miżuri ta' faċilitazzjoni bl-għan li jimmodernizzaw l-ekonomija u jagħtu spinta lill-investimenti fis-setturi relatati mal-enerġija nadifa.

Il-proposti regolatorji u l-miżuri ta' faċilitazzjoni mressqa fil-pakkett jimmiraw li jħaffu, jittrasformaw u jikkonsolidaw it-tranżizzjoni tal-ekonomija tal-UE lejn enerġija nadifa u b'hekk jinħolqu impjiegi u tkabbir f'setturi ekonomiċi u mudelli ta' negozju ġodda.

Il-proposti leġiżlattivi jkopru l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija, l-enerġija rinnovabbli, id-disinn tas-suq tal-elettriku, is-sigurtà tal-provvista u r-regoli ta' governanza tal-Unjoni tal-Enerġija.

Il-pakkett imressaq għandu tliet għanijiet prinċipali:

---

5 L-enerġija tal-UE f'ċifri, Fuljett Statistiku 2016.
6 Eurostat - kontijiet nazzjonali.
7 Eurobserv'ER, L-Istat tal-Enerġiji Rinnovabbli fl-Ewropa, il-15-il edizzjoni, 2015 (ċifri tal-2014).
8 Studju dwar il-Valutazzjoni tal-Impatt Soċjali u fuq l-Impjiegi tal-Effiċjenza Enerġetika.
9 COM (2015) 80
10 COM (2016) 52
11 COM (2015) 337
12 COM (2016) 482
13 COM (2016) 479
14 COM(2016) 501
15 COM (2016) 710

- **Tingħata prijorità ewlenija lill-effiċjenza tal-enerġija**
- **Il-kisba tat-tmexxija globali fl-enerġiji rinnovabbli**
- **Jingħata trattament ġust għall-konsumaturi**

L-azzjonijiet ta' faċilitazzjoni jinkludu inizjattivi biex jaċċelleraw l-innovazzjoni tal-enerġija nadifa u biex jirrinnovaw il-bini fl-Ewropa, kif ukoll miżuri biex: jinkoraġġixxu l-investiment pubbliku u privat u jagħmlu l-aħjar użu mill-baġit disponibbli tal-UE; jippromwovu inizjattivi mmexxija mill-industrija għat-trawwim tal-kompetittività; itaffu l-impatt soċjali tat-tranżizzjoni tal-enerġija nadifa; jinvolvu bosta atturi, fosthom fuq naħa waħda l-awtoritajiet tal-Istati Membri, l-awtoritajiet lokali u muniċipali u min-naħa l-oħra n-negozji, l-imsieħba soċjali u l-investituri, u jkabbru t-tmexxija tal-Ewropa fit-teknoloġija u s-servizzi tal-enerġija nadifa biex jgħinu lill-pajjiżi terzi sabiex jilħqu l-għanijiet ta' politika tagħhom.

Dan il-pakkett għandu jitqies fil-kuntest tat-tmexxija tal-UE lejn sistema tal-enerġija aktar intelliġenti u aktar nadifa għal kulħadd, biex jiġi implimentat il-Ftehim ta' Pariġi, jiġi stimulat it-tkabbir ekonomiku, jiġu xprunati l-investiment u t-tmexxija teknoloġika, jinħolqu opportunitajiet ġodda ta' impjieg u jitjieb il-benesseri taċ-ċittadini.

Sabiex jintlaħqu l-miri tal-UE dwar il-klima u l-enerġija tal-2030, madwar EUR 379 biljun ta' investimenti huma meħtieġa kull sena matul il-perjodu 2020–2030[16]: l-aktar fl-effiċjenza enerġetika, is-sorsi ta' enerġija rinnovabbli u l-infrastruttura. Il-kumpaniji tal-UE għandhom ikunu fuq quddiem nett ta' dawn l-investimenti. F'dan il-kuntest, kollox jiddependi mill-kapaċità tal-kumpaniji tal-UE li jinnovaw. B'EUR 27 biljun fis-sena ddedikati għar-riċerka pubblika u privata, l-iżvilupp u l-innovazzjoni f'oqsma relatati mal-Unjoni tal-Enerġija[17], l-UE tinsab f'pożizzjoni tajba biex tibdel din it-transizzjoni f'opportunità ekonomika u industrijali konkreta.

Grazzi għall-politiki li qegħdin jiġu proposti llum mill-Kummissjoni, il-produzzjoni industrijali tista' tiżdied fis-settur tal-kostruzzjoni b'sa 5 %, fis-setturi tal-inġinerija, il-ħadid u l-azzar b'massimu ta' 3,8 % u 3.5 % rispettivament, li huma ekwivalenti għal 700 000 impjieg addizzjonali fil-kostruzzjoni, 230 000 fl-inġinerija u 27 000 fis-setturi tal-azzar u tal-ħadid[18].

2. TINGĦATA PRIJORITÀ EWLENIJA LILL-EFFIĊJENZA TAL-ENERĠIJA

L-effiċjenza enerġetika hija l-aktar sors ta' enerġija disponibbli b'mod universali. L-effiċjenza enerġetika minn naħa tirrifletti l-fatt li s-sors l-aktar irħis u nadif ta' enerġija huwa l-enerġija li ma teħtieġx li tiġi prodotta jew użata. Dan ifisser li jiġi żgurat li l-effiċjenza enerġetika titqies fis-sistema kollha tal-enerġija, jiġifieri l-ġestjoni attiva tad-domanda sabiex jiġi ottimizzat il-konsum tal-enerġija, jitnaqqsu l-ispejjeż għall-konsumaturi u d-dipendenza fuq l-importazzjonijiet, filwaqt li jiġi trattat l-investiment fl-infrastruttura tal-effiċjenza enerġetika bħala triq kosteffikaċi lejn ekonomija b'livell baxx ta' karbonju u ċirkolari. Dan se jippermetti li l-kapaċità żejda ta' ġenerazzjoni tiġi rtirata mis-suq, speċjalment il-ġenerazzjoni tal-enerġija mill-fjuwils fossili.

[16] Il-Valutazzjoni tal-Impatt dwar l-emenda tad-Direttiva dwar l-Effiċjenza Enerġetika, SWD(2016) 405 (iċ-ċifri tal-investiment minbarra s-settur tat-trasport).
[17] JRC-SETIS, li jmiss.
[18] Sors: Il-Valutazzjoni tal-Impatt dwar l-emenda tad-Direttiva dwar l-Effiċjenza Enerġetika, SWD(2016) 405 (riżultati dettaljati bbażati fuq l-analiżi makroekonomika).

Il-Kummissjoni rrevediet il-**mira tal-UE għall-effiċjenza fl-użu tal-enerġija**, f'konformità mat-talba mill-Kunsill Ewropew ta' Ottubru 2014, u tqis li l-UE għandha tistabbilixxi mira vinkolanti fil-livell tal-UE ta' 30 % sal-2030. Meta mqabbel mal-mira ta' mill-inqas 27 % miftiehma fl-2014, din iż-żieda hija mistennija li tissarraf f'massimu ta' EUR 70 biljun ta' prodott domestiku gross addizzjonali u 400 000 impjieg ieħor kif ukoll tnaqqis addizzjonali tal-kont tal-UE fuq l-importazzjoni tal-fjuwils fossili[19]. Il-mira miżjuda se tgħin biex jintlaħqu l-miri tal-UE għall-2030 għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra u għall-enerġiji rinnovabbli.

Il-Kummissjoni tipproponi li testendi lil hinn mill-2020, **l-obbligi tal-iffrankar tal-enerġija** stabbiliti fid-Direttiva dwar l-Effiċjenza fl-Enerġija[20] li jirrikjedu lill-fornituri u d-distributuri tal-enerġija li jiffrankaw 1,5 % tal-enerġija fis-sena. Din il-miżura wriet l-ewwel effetti tagħha billi attirat investiment privat u appoġġat atturi ġodda li tfaċċaw fis-suq, bħall-fornituri tas-servizz tal-enerġija, inklużi l-aggregaturi, u għandha għalhekk tkun qed tixpruna dawn l-iżviluppi anke wara l-2020. Id-disinn ġdid tas-suq tal-elettriku se jkompli joħloq kondizzjonijiet ugwali għall-parteċipazzjoni fis-suq min-naħa tad-domanda.

Il-bini jirrappreżenta 40 % tal-konsum totali tal-enerġija u madwar 75 % minnu huwa ineffiċjenti fl-enerġija[21]. L-effiċjenza enerġetika fil-bini ssofri minn nuqqas ta' investiment u għadd kbir ta' ostakli. Billi l-binjiet huma miżmuma jew imtejba fuq bażi regolari, l-investimenti fl-iffrankar tal-enerġija jiġu ta' sikwit injorati għaliex jiffaċċjaw kompetizzjoni minħabba kapital skars, nuqqas ta' informazzjoni affidabbli, nuqqas ta' ħaddiema tas-sengħa jew dubji dwar il-benefiċċji possibbli. Bir-rata ta' llum ta' rinnovazzjoni ta' madwar 1 % tal-bini kull sena, kieku ndumu seklu biex intejbu l-istokk tal-bini għal livelli moderni ta' użu ta' enerġija qrib iż-żero[22]. Il-bini b'użu nadif tal-enerġija jfisser iktar minn sempliċi ffrankar tal-enerġija: dan iżid il-kumditá u l-kwalità tal-ħajja, għandu l-potenzjal li jintegra s-sorsi ta' enerġija rinnovabbli, il-ħżin, it-teknoloġiji diġitali u li jikkollega l-bini mas-sistema tat-trasport. L-investiment fi stokk tal-bini b'enerġija nadifa jista' jixpruna t-tranżizzjoni lejn ekonomija b'livell baxx ta' karbonju.

It-tkabbir tal-investiment f'bini pubbliku, bħal sptarijiet, skejjel u uffiċċji, jiddependi wkoll fuq id-disponibbiltà tal-finanzjament privat u l-kumpaniji privati tas-servizzi tal-enerġija li joffru mekkaniżmi innovattivi, bħalma huma l-ikkuntrattar għall-prestazzjoni tal-enerġija. L-iffrankar tal-enerġija jista' jkollu wkoll impatt pożittiv fuq il-baġits pubbliċi, billi kull sena jintefqu madwar biljun euro fuq l-enerġija f'bini pubbliku bħal dan. Madankollu, ir-regoli għall-investimenti fis-settur pubbliku u għat-trattament statistiku tar-rinnovazzjoni tal-assi għandhom ikunu trasparenti u ċari sabiex jiġi ffaċilitat l-investiment fl-effiċjenza enerġetika fl-assi pubbliċi. Il-Kummissjoni qiegħda tanalizza, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, l-impatt tar-regoli tal-kontabbiltà pubblika fuq is-suq għall-ikkuntrattar għall-prestazzjoni tal-enerġija u se taġġorna l-gwida tagħha dwar it-trattament statistiku ta' dawn l-isħubiji qabel tard fir-rebbiegħa 2017.

---

[19] Il-Valutazzjoni tal-Impatt għall-emenda tad-Direttiva dwar l-Effiċjenza Enerġetika, SWD(2016) 405.
[20] COM(2016) 761.
[21] Il-Valutazzjoni tal-Impatt dwar l-emenda tad-Direttiva dwar il-Prestazzjoni tal-Enerġija tal-Bini, SWD(2016) 414.
[22] Il-Valutazzjoni tal-Impatt dwar l-emenda tad-Direttiva dwar il-Prestazzjoni tal-Enerġija tal-Bini, SWD(2016) 414.

L-emenda tad-Direttiva dwar il-Prestazzjoni Enerġetika tal-Bini[23] se taċċellera r-**rati ta' rinnovazzjoni** tal-bini billi ssaħħaħ id-dispożizzjonijiet dwar strateġiji għar-rinnovazzjoni tal-bini fuq terminu twil, bil-ħsieb li jiġi dekarbonizzat l-istokk tal-bini sa nofs is-seklu. Il-proposta se ttejjeb ukoll l-informazzjoni għall-investituri u l-promoturi tal-proġetti billi ssaħħaħ iċ-ċertifikati tal-prestazzjoni tal-enerġija, tagħmel disponibbli informazzjoni dwar il-konsum tal-enerġija operattiva ta' bini pubbliku u torbot l-intensità tal-appoġġ pubbliku mal-livell miksub tal-iffrankar tal-enerġija. Il-proposta titlob lill-Istati Membri biex jiffukaw ukoll l-investimenti fuq dawk li jinsabu f'faqar enerġetiku, peress li l-effiċjenza enerġetika hija waħda mill-aħjar mezzi biex jiġu indirizzati l-kawżi ewlenin tal-faqar enerġetiku.

Biex tappoġġa **t-twettiq tal-istrateġija tal-UE tal-mobilità b'emissjonijiet baxxi** u l-użu dejjem jiżdied tal-elettriku fit-trasport, id-Direttiva dwar il-Prestazzjoni tal-Enerġija tal-Bini se teħtieġ l-installazzjoni ta' punti tal-iċċarġjar tal-elettriku. Għal bini eżistenti, din id-dispożizzjoni se tapplika biss għall-bini kummerċjali b'aktar minn 10 spazji għall-parkeġġ mill-2025. Għal bini ġdid jew bini li qed isirulu rinnovazzjonijiet kbar, id-dispożizzjoni se tapplika għall-bini residenzjali b'aktar minn 10 spazji ta' parkeġġ f'forma ta' obbligu li jiġu inklużi spazji minn fejn jingħaddu l-wajers u għall-bini kummerċjali b'aktar minn 10 spazji ta' parkeġġ f'forma ta' obbligu li jiġu installati punti tal-iċċarġjar. L-SMEs u l-awtoritajiet pubbliċi jistgħu jiġu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni, dawn tal-aħħar minħabba l-fatt li huma diġà koperti mid-Direttiva dwar il-Fjuwils Alternattivi, sa fejn il-punti ta' ċċarġjar tagħhom ikunu pubblikament aċċessibbli. Sabiex tiżdied l-effiċjenza tat-trasport u jiġu promossi soluzzjonijiet ta' mobilità, dan il-pakkett fih ukoll strateġija tal-UE għall-użu ta' Sistemi tat-Trasport Intelliġenti u Kooperattivi[24].

Sabiex ikompli jitħaffef ir-ritmu tar-rinnovazzjoni tal-bini u tiġi appoġġata t-tranżizzjoni għal stokk ta' bini b'enerġija nadifa, il-Kummissjoni qed tniedi **Inizjattiva Ewropea dwar il-Bini** (Anness I) b'komponent ta' "finanzjament intelliġenti għal bini intelliġenti". Din l-inizjattiva ġdida, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI) u l-Istati Membri, tista' **tillibera EUR 10 biljun addizzjonali ta' fondi pubbliċi u privati sal-2020** għall-effiċjenza tal-enerġija u l-enerġija rinnovabbli fil-bini, sabiex jiġi megħjun l-iżvilupp ta' sensiela ta' proġetti bankabbli fuq skala kbira u l-istabbiliment ta' pjattaforma ta' effiċjenza fl-enerġija f'kull Stat Membru. L-inizjattiva timmira wkoll li tinbena l-fiduċja fis-suq għal bini b'użu ta' enerġija nadifa, billi jkun magħmul disponibbli għall-investituri u għal partijiet interessati oħra *data* tal-prestazzjoni finanzjarja dwar 'il fuq minn 7 000 proġett Ewropew industrijali u tal-effiċjenza enerġetika tal-bini, kif ukoll li taħdem mas-settur finanzjarju dwar qafas kunsenswali għas-sottoskrizzjoni ta' investimenti f'bini b'enerġija nadifa sabiex jippermetti ffinanzjar aktar immirat u standardizzat tas-suq għal dawn il-proġetti. Dan se jġib titjib fil-kundizzjonijiet tal-ħajja u tax-xogħol, il-klima u benefiċċji tal-iffrankar tal-enerġija kif ukoll fl-impjiegi u fl-investiment. L-inizjattiva tal-bini Ewropew toffri spinta lill-industrija Ewropea tal-bini, li tħabbat wiċċha ma' għadd ta' sfidi ekonomiċi u soċjali. L-effiċjenza enerġetika tal-bini tista' tkun wieħed mill-ixpruni għall-modernizzazzjoni tas-settur u l-forza tax-xogħol tiegħu.

Industriji b'użu intensiv tal-enerġija (pereż. l-industriji tal-karozzi u l-azzar) se jeħtieġu li jkomplu l-isforzi tagħhom lejn it-titjib fl-effiċjenza enerġetika. Investimenti bħal dawn ġeneralment irendu f'termini ta' spejjeż imnaqqsa tal-enerġija. Setturi ġodda, bħal dak tad-difiża għandhom potenzjal ulterjuri — li s'issa għadu ma ġiex sfruttat — tal-effiċjenza tal-

[23] COM(2016) 765.
[24] COM(2016) 766.

enerġija, u għalhekk l-iffrankar tal-ispejjeż se jwassal għal impatt pożittiv dirett fuq il-baġits pubbliċi.

L-ekodisinn u t-tikkettar tal-enerġija se jkomplu jkollhom rwol importanti fit-twassil tal-iffrankar tal-enerġija u tar-riżorsi għall-konsumaturi u fil-ħolqien ta' opportunitajiet kummerċjali għall-industrija Ewropea. Wara kunsiderazzjoni bir-reqqa, il-Kummissjoni ddeċidiet li ssaħħaħ il-fokus tal-politika dwar il-prodotti bl-ogħla potenzjal għall-iffrankar f'termini ta' enerġija u ekonomija ċirkolari.

Il-Kummissjoni qed tadotta pakkett li jikkonsisti minn Pjan ta' Ħidma tal-Ekodisinn 2016–2019 u numru ta' miżuri speċifiċi għall-prodott[25]. Il-Pjan ta' Ħidma tal-Ekodisinn jistabbilixxi l-prijoritajiet tal-Kummissjoni għat-tliet snin li ġejjin, inklużi reviżjonijiet ta' miżuri eżistenti speċifiċi għall-prodott biex jinżammu aġġornati ma' żviluppi teknoloġiċi ġodda, kif ukoll prodotti ġodda li għandhom jiġu studjati bit-tir ta' regolamentazzjoni possibbli biex jinkiseb potenzjal mhux sfruttat. Meħuda flimkien, il-miżuri kollha identifikati fil-Pjan ta' Ħidma tal-Ekodisinn għandhom il-potenzjal li jagħtu total ta' aktar minn 600 TWh ta' ffrankar annwali ta' enerġija primarja fl-2030, li huwa komparabbli mal-konsum annwali ta' enerġija primarja ta' Stat Membru ta' daqs medju. Dan se jiżgura li l-Ewropa żżomm it-tmexxija globali tagħha fir-rigward tal-istandards ta' effiċjenza tal-prodott u tkompli twassal benefiċċji ekonomiċi u ambjentali kemm għall-konsumaturi kif ukoll għan-negozji.

3. NIKSBU TMEXXIJA GLOBALI FL-ENERĠIJI RINNOVABBLI

Is-settur tal-enerġija rinnovabbli fl-Ewropa jimpjega iktar minn 1 100 000 persuna[26], u l-Ewropa għadha l-mexxej ewlieni fid-dinja fil-qasam tal-enerġija mir-riħ. Mat-43 % tat-total ta' turbini tar-riħ installati fid-dinja huma prodotti minn ftit manifatturi kbar Ewropej. It-tnaqqis fl-ispejjeż fit-teknoloġiji solari u tar-riħ kienu mmexxija mill-politiki ambizzjużi tal-UE. Dan wassal biex l-enerġija rinnovabbli saret irħas u aktar faċilment disponibbli għal kulħadd. Għalkemm l-Ewropa tilfet ir-rwol tagħha ta' mexxej fil-produzzjoni ta' moduli ta' pannelli solari għall-importazzjonijiet, il-biċċa l-kbira tal-valur miżjud tal-installazzjoni ta' pannell solari (> 85 %) hija ġġenerata fl-Ewropa[27].

Fl-Ewropa, l-akbar impjegaturi fis-settur tas-sorsi rinnovabbli huma l-industriji tar-riħ, l-enerġija solari fotovoltajka (PV) u l-bijomassa solida. Madankollu, l-industrija fotovoltajka esperjenzat telf ta' impjiegi: l-impjieg fis-settur fotovoltajku fl-2014 kien ftit 'il fuq minn terz tal-livell tal-2011 minħabba t-telf tal-kapaċitajiet ta' manifattura fis-settur[28]. Is-settur tal-enerġija mir-riħ kien responsabbli għall-biċċa l-kbira tal-impjiegi fl-enerġija rinnovabbli fl-UE. Fil-perjodu bejn l-2005 u l-2013, il-valur tal-bejgħ fis-settur tal-enerġija mir-riħ fl-Ewropa żdied bi tmien darbiet, bid-dħul tiegħu fl-UE stmat għal madwar EUR 48 biljun[29]. Fl-istess perjodu, l-impjieg fl-enerġija mir-riħ fl-UE żdied b'ħames darbiet mill-2005 sal-2013, b'total ta' madwar 320 000 impjieg assoċjat fl-2014[30]. Il-Kummissjoni se tibda wkoll

---

[25] COM(2016) 773; C(2016) 7764, 7765, 7767, 7769, 7770 u 7772.
[26] L-EurObserv'ER, il-15-il edizzjoni, 2015.
[27] Il-Valutazzjoni tal-Impatt għar-riformulazzjoni tad-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli, SWD(2016) 418. Ara wkoll l-istudju li ġej: http://gramwzielone.pl/uploads/files/Solar_Photovoltaics_Jobs___Value_Added_in_Europe.pdf.
[28] L-Eurobserv' ER, il-15 edizzjoni, 2015.
[29] L-Eurobserv' ER, il-15 edizzjoni, 2015.
[30] L-Eurobserv' ER, il-15 edizzjoni, 2015.

inizjattivi mmexxija mill-industrija li jimmiraw li jappoġġaw ir-rwol tal-UE ta' mexxejja globali fl-enerġija rinnovabbli u fit-teknoloġiji nodfa b'mod ġenerali.

Il-Kunsill Ewropew stabbilixxa **mira ta' mill-inqas 27 % għas-sehem tal-enerġija rinnovabbli** kkunsmata fl-UE fl-2030. Din il-mira minima hija vinkolanti fil-livell tal-UE, iżda mhux se tinbidel f'miri nazzjonali vinkolanti. Minflok, l-Istati Membri se jimpenjaw ruħhom li jagħtu kontribuzzjonijiet permezz ta' pjanijiet nazzjonali integrati dwar il-klima u l-enerġija[31] li jiffurmaw parti mill-proposta ta' governanza biex kollettivament tintlaħaq il-mira tal-UE. Il-pressjoni mill-pari pprovduta mill-konsultazzjonijiet reġjonali dwar il-pjanijiet u l-possibbiltà li l-Kummissjoni tagħmel rakkomandazzjonijiet, flimkien mal-qafas globali tal-politika stabbilit minn biċċiet oħra ta' leġiżlazzjoni f'dan il-pakkett, għandhom jinkoraġġixxu lill-Istati Membri jwiegħdu ħafna, mingħajr ebda lok għall-parassitiżmu. Fil-każ li l-Kummissjoni tiskopri li jista' jkun hemm xi lakuna, kemm fuq il-livelli ta' ambizzjoni kif ukoll fuq dawk ta' implimentazzjoni, b'mod partikolari fir-rigward tas-sorsi rinnovabbli u l-effiċjenza enerġetika, din tista' tieħu l-miżuri meħtieġa biex tiġi evitata u tingħeleb kull lakuna simili li titfaċċa. Il-livell mira se jiġi rivedut fil-futur, f'konformità mal-impenji internazzjonali tal-UE.

L-iżvilupp fl-enerġija rinnovabbli għandu jkun ibbażat fuq l-aktar teknoloġiji innovattivi li jwasslu għal tnaqqis sostanzjali fil-gassijiet serra. Il-previżjonijiet tas-suq globali għal soluzzjonijiet ta' enerġija rinnovabbli skont l-objettivi tad-dekarbonizzazzjoni fit-tul ġew stmati għal madwar EUR 6 800 biljun għall-perjodu 2014–2035[32], b'potenzjal għoli ta' tkabbir, speċjalment barra mill-Ewropa. F'dawn l-aħħar snin, l-investimenti f'assi ta' ġenerazzjoni rinnovabbli rrappreżentaw aktar minn 85 % tal-investimenti ta' ġenerazzjoni, il-biċċa l-kbira tagħhom f'livelli iktar baxxi ta' vultaġġ, b'mod partikolari fil-livell ta' grids ta' distribuzzjoni. Il-proposti l-ġodda għandhom l-għan li jikkonsolidaw aktar din it-tendenza, pereżempju billi jneħħu l-ostakli għall-awtoġenerazzjoni.

Id-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli[33], flimkien ma' proposti dwar id-Disinn tas-Suq tal-elettriku ġdid[34], se tistabbilixxi qafas regolatorju li jippermetti **kundizzjonijiet ekwi** għat-teknoloġiji kollha mingħajr ma jipperikola l-miri tagħna dwar il-klima u l-enerġija. L-elettriku se jkollu rwol ewlieni fit-tranżizzjoni lejn sistema tal-enerġija nadifa. Is-sehem tal-elettriku rinnovabbli żdied għal 29 % tal-ġenerazzjoni tal-elettriku u se jilħaq madwar nofs it-taħlita ta' ġenerazzjoni tal-elettriku tal-UE, prinċipalment minn sorsi varjabbli bħar-riħ u x-xemx. Ħafna minn dan se jkun konness b'mod deċentralizzat fil-livell tad-distribuzzjoni. Ir-**regoli tas-suq** iridu jiġu adattati biex jiġi ffaċilitat dan l-iżvilupp, tiġi ġestita l-varjabbiltà u tiġi żgurata s-sigurtà tal-provvista tal-elettriku. Il-qafas regolatorju l-ġdid, għalhekk, se jiżgura li s-sorsi rinnovabbli jkunu jistgħu jipparteċipaw b'mod sħiħ fis-suq tal-elettriku, iżda wkoll li d-dispożizzjonijiet relatati mas-suq ma jiddiskriminawx kontra l-enerġija rinnovabbli.

Sabiex jiġi akkomodat aħjar is-sehem dejjem jikber ta' enerġija rinnovabbli — fil-biċċa l-kbira varjabbli, is-swieq bl-ingrossa għandhom jiġu żviluppati aktar u b'mod partikolari jipprovdu regoli adegwati li jippermettu kummerċ fuq medda qasira ta' żmien biex jirriflettu

[31] Dan se jiġi indirizzat fir-Regolament il-ġdid dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija, COM(2016) 759.
[32] L-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija, World Energy Investment Outlook Special Report 2014.
[33] COM(2016) 767.
[34] L-inizjattiva tat-tfassil tas-suq tikkonsisti f'riformulazzjoni tad-Direttiva dwar l-Elettriku (COM(2016) 864), riformulazzjoni tar-Regolament dwar l-Elettriku (COM(2016) 861), riformulazzjoni tar-Regolament li jistabbilixxi l-ACER (COM(2016) 863), u Regolament ġdid dwar il-preparazzjoni għar-riskji fis-settur tal-elettriku (COM(2016) 862).

l-ħtiġijiet tal-ġenerazzjoni varjabbli. Billi jippermettu kummerċ eqreb lejn il-ħin tal-kunsinna, is-swieq tal-elettriku għal żmien qasir integrati sew se **jippremjaw il-flessibbiltà** fis-suq kemm għall-ġenerazzjoni kif ukoll għad-domanda u l-ħżin. Barra minn hekk, ir-regoli tas-suq għandhom jiġu adattati biex jippermettu lill-produtturi tal-enerġija rinnovabbli jipparteċipaw bis-sħiħ u jaqilgħu dħul fis-segmenti kollha tas-suq, inklużi s-swieq tas-servizzi tas-sistema.

Ir-rilaxx prijoritarju se jibqa' fis-seħħ għal installazzjonijiet eżistenti u installazzjonijiet rinnovabbli fuq skala żgħira u proġetti ta' dimostrazzjoni. Installazzjonijiet oħra, indipendenti mit-teknoloġija applikata, se jkunu soġġetti għal regoli ta' aċċess mhux diskriminatorji għal partijiet terzi. Barra minn hekk, it-tnaqqis tal-enerġija rinnovabbli għandu jinżamm għal minimu strett.

Dawn ir-regoli l-ġodda se jippermettu li l-ġeneraturi tal-elettriku rinnovabbli jiksbu sehem dejjem akbar mid-dħul tagħhom mis-suq. Madankollu, id-dħul mis-suq ma jistax ikopri kompletament in-nefqa kapitali għolja tas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli, b'mod partikolari tat-teknoloġiji ġodda li qed jitfaċċaw. L-investituri jeħtieġu l-prevedibbiltà tal-politika. Id-Direttiva dwar l-enerġija rinnovabbli tinkludi, għaldaqstant, prinċipji li se japplikaw għall-appoġġ għall-enerġija rinnovabbli wara l-2020 biex jiġi żgurat li fejn is-sussidji huma meħtieġa dawn ikunu finanzjarjament effikaċi u jimminimizzaw id-distorsjonijiet tas-suq.

L-integrazzjoni tas-sorsi rinnovabbli b'suċċess se tkompli teħtieġ infrastrutturi robusti ta' trażmissjoni u distribuzzjoni u **netwerk Ewropew interkonness sew**. L-Ewropa għandha l-iktar grilja tal-elettriku sigura fid-dinja, iżda se jkunu meħtieġa investimenti sinifikanti sal-2030. Il-Kummissjoni qed taħdem mill-qrib mal-Istati Membri fil-kuntest reġjonali (il-Pjan ta' Interkonnessjoni tas-Suq tal-Enerġija tal-Baltiku, il-Grupp dwar il-Konnettività tal-Gass fl-Ewropa Ċentrali u tax-Xlokk, l-Ewropa tal-Lbiċ u l-Ibħra tat-Tramuntana) biex tiffaċilita l-iżvilupp ta' infrastrutturi ewlenin. Waqqfet ukoll grupp ta' esperti biex jagħtu parir dwar it-tfassil u t-twettiq tal-miri tal-interkonnessjoni għall-2030.

Il-potenzjal ta' **tisħin u tkessiħ** bħala kontribut għall-mira kumplessiva tas-sorsi rinnovabbli ma ntużax biżżejjed. L-Istrateġija għat-Tisħin u t-Tkessiħ[35] stipulat l-approċċ ġenerali. Il-proposti attwali se jinkoraġġixxu lill-Istati Membri biex iżidu s-sehem tagħhom ta' karburanti rinnovabbli fit-tisħin u t-tkessiħ, lill-operaturi tat-tisħin u t-tkessiħ distrettwali sabiex jiftħu n-netwerk tagħhom għall-kompetizzjoni u jinkoraġġixxu l-użu ta' pereżempju pompi tas-sħana.

Il-bijoenerġija tirrappreżenta proporzjon kbir tat-taħlita tal-enerġija rinnovabbli tagħna, u se tkompli tagħmel dan fil-futur. Din iġġib magħha impjiegi u żvilupp ekonomiku fiż-żoni rurali, tieħu post il-fjuwils fossili u tikkontribwixxi għas-sigurtà tal-enerġija.

L-iżvilupp ta' **fjuwils alternattivi avvanzati għat-trasport** se jiġi mħeġġeġ permezz ta' mandat ta' taħlit lid-distributuri tal-karburanti, filwaqt li l-bijokarburanti bbażati fuq l-ikel se jnaqqsu progressivament il-kontribuzzjoni tagħhom għall-mira tal-enerġija rinnovabbli tal-UE. L-appoġġ tal-elettrifikazzjoni tat-trasport huwa objettiv ewlieni ieħor ġdid tal-qafas tas-suq tal-elettriku u se jissaħħaħ permezz tad-dispożizzjonijiet relatati mas-swieq tal-elettriku fil-livell tal-konsumatur.

Il-bijomassa solida attwalment użata għas-sħana u l-enerġija fl-UE hija prinċipalment lokali u reġjonali u bbażata fuq prodotti sekondarji mill-industrija tal-foresti, u fil-livelli attwali, hija

[35] COM(2016)51.

b'mod ġenerali favur il-klima. Madankollu hemm tħassib li jekk il-livell tal-użu jkompli jiżdied, l-effetti fuq il-klima jistgħu jmorru għall-agħar. L-iżgurar ta' benefiċċji fit-tul għall-klima se jeħtieġ b'mod partikolari li jitpoġġa limitu fuq il-pressjoni addizzjonali fuq il-foresti.

Hemm bżonn ta' **sinerġiji ikbar bejn l-ekonomija ċirkolari** u diversi użi tal-bijomassa, b'kont meħud b'mod partikolari tal-fatt li l-injam jista' jintuża għal firxa ta' prodotti b'valur miżjud ogħla milli sempliċement għall-enerġija biss. Biex jiġu promossi dawn is-sinerġiji kemm jista' jkun, il-konverżjoni effiċjenti biss tal-bijomassa f'enerġija għandha tirċievi l-appoġġ pubbliku, kemm jekk fil-forma ta' appoġġ finanzjarju kif ukoll fil-forma ta' aċċess preferenzjali għall-grilja, ħlief f'raġunijiet debitament ġustifikati ta' sigurtà tal-provvista tal-elettriku.

S'issa, il-biċċa l-kbira tal-bijomassa użata għas-sħana u l-enerġija tiġi mill-foresti. Madwar l-UE u lil hinn minnha, il-foresti u l-prattiki ta' ġestjoni tagħhom ivarjaw ħafna. L-Istati Membri tal-UE żviluppaw leġiżlazzjoni nazzjonali dwar il-**ġestjoni sostenibbli tal-foresti** u jikkooperaw pereżempju taħt il-proċess tal-Forest Europe. Għadd ta' Stati Membri li jimportaw kwantitajiet kbar ta' bijomassa għall-enerġija stabbilixxew ukoll skemi ta' sostenibbiltà għall-bijomassa dedikati u se jkunu jistgħu jibqgħu jagħmlu dan taħt il-proposta tal-Kummissjoni. Il-Kummissjoni Ewropea se tkompli wkoll tappoġġa l-mobilizzazzjoni tal-injam sostenibbli permezz tal-Politika tal-Iżvilupp Rurali tal-UE. Dawn il-livelli ta' azzjoni huma kumplimentari fl-appoġġ ta' prattiki ta' ġestjoni sostenibbli tal-foresti.

Il-Kummissjoni għalhekk tipproponi li testendi l-kriterji ta' sostenibbiltà tal-UE eżistenti biex tkopri t-tipi kollha ta' bijoenerġija. Approċċ ġdid għall-bijomassa tal-foresti huwa propost, li jibni fuq il-leġiżlazzjoni eżistenti dwar il-ġestjoni sostenibbli tal-foresti u l-kontabilità xierqa tal-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra relatati mal-użu tal-art u s-settur tal-foresti fil-pajjiż tal-oriġini tal-bijomassa. L-iżviluppi fil-produzzjoni u l-użu tal-bijomassa għall-enerġija se jiġu mmonitorjati u riveduti permezz tal-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija.

4. NIPPROVDU TRATTAMENT ĠUST GĦALL-KONSUMATURI

Il-konsumaturi huma fil-qalba tal-Unjoni tal-Enerġija. L-enerġija hija ġid kritiku, assolutament essenzjali għall-parteċipazzjoni sħiħa fis-soċjetà moderna.

It-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa jeħtieġ li tkun ukoll ġusta għal dawk is-setturi, ir-reġjuni jew partijiet vulnerabbli tas-soċjetà affettwati mit-tranżizzjoni tal-enerġija.

Il-Kummissjoni tipproponi riforma tas-suq tal-enerġija biex **il-konsumaturi jingħataw is-setgħa** u jkollhom aktar kontroll fuq l-għażliet tagħhom fir-rigward tal-enerġija. Għan-negozji, dan ifisser kompetittività akbar. Għaċ-ċittadini, dan ifisser informazzjoni aħjar, possibilitajiet biex isiru aktar attivi fis-suq tal-enerġija u li jkollhom aktar kontroll fuq l-ispejjeż tal-enerġija tagħhom.

L-ewwel pass fid-direzzjoni tat-tqegħid tal-konsumaturi fil-qalba tal-Unjoni tal-Enerġija huwa li jiġu pprovduti b'**tagħrif** aħjar dwar il-konsum tal-enerġija tagħhom u l-ispejjeż tagħhom. Il-proposti se jagħtu lill-konsumaturi meters intelliġenti, kontijiet ċari u kundizzjonijiet iffaċilitati biex jibdlu l-fornituri. Bis-saħħa tal-proposti se jkun jiswa anqas biex wieħed jibdel il-fornitur, permezz tal-eliminazzjoni tat-tariffi ta' terminazzjoni. Għodod ta' tqabbil iċċertifikati se jipprovdu lill-konsumaturi b'informazzjoni affidabbli dwar l-offerti disponibbli għalihom. Il-proposti se jipprovdu ċertifikati ta' prestazzjoni tal-enerġija aktar affidabbli u b'indikatur ta' "intelliġenza".

Bħala parti minn dan il-pakkett, il-Kummissjoni qed iżżid it-trasparenza **bit-tieni rapport biennali tagħha dwar l-ispejjeż u l-prezzijiet tal-enerġija**[36]. L-ispiża tal-enerġija għandha impatt fuq l-għażla ta' taħlita ta' enerġija tagħna, l-infiq tagħna bħala familja, u fuq il-kompetittività tal-Ewropa. B'dipendenza fuq l-importazzjoni ta' 74 %, l-UE tibqa' esposta għal prezzijiet tal-fjuwils fossili volatili stabbiliti globalment. F'dawn l-aħħar snin, l-iżviluppi globali naqsu l-"kont tal-importazzjoni tal-enerġija" tal-UE b'35 % u taw spinta lit-tkabbir ekonomiku. Il-prezzijiet bl-ingrossa tal-elettriku huma l-aktar baxxi li qatt kienu fi 12-il sena u l-prezzijiet tal-gass naqsu b'50 % mill-2013 u l-prezzijiet taż-żejt bi kważi 60 % mill-2014 'l hawn. Id-differenzi fil-prezzijiet naqsu meta mqabbla ma' ekonomiji dinjin oħra.

F'dak li jirrigwarda l-prezzijiet għall-unitajiet domestiċi bħala utenti aħħarin, it-tendenzi huma differenti. It-traħħis fil-prezzijiet tal-enerġija ġie segwit b'żieda fl-ispejjeż tan-netwerks u fit-taxxi u fl-imposti tal-gvernijiet peress li l-enerġija hija bażi tat-taxxa użata ta' spiss għal dħul statali ferm bżonjuż. Il-prezzijiet tal-elettriku fil-livell tal-konsumatur żdiedu b'madwar 3 % fis-sena mill-2008 u l-prezzijiet tal-gass fil-livell tal-konsumatur bi 2 %. B'konsegwenza ta' dan, l-ispejjeż tal-enerġija żdiedu bi ftit, sa kważi 6 % tan-nefqa ta' kull familja.

Il-bidliet regolatorji introdotti mill-pakkett attwali u l-bidla minn ġestjoni ċentralizzata konvenzjonali għal swieq deċentralizzati, intelliġenti u interkonnessi jagħmluha aktar faċli għall-konsumaturi biex jiġġeneraw l-enerġija tagħhom stess, jaħżnuha, jaqsmuha, jikkonsmawha jew ibigħuha fuq is-suq direttament jew bħala kooperattivi tal-enerġija. Il-konsumaturi se jkunu jistgħu joffru rispons għad-domanda, direttament jew permezz ta' aggregaturi tal-enerġija. Teknoloġiji intelliġenti ġodda se jagħmluha possibbli għall-konsumaturi jekk dawn ikunu jixtiequ li jikkontrollaw u jimmaniġġjaw attivament il-konsum tal-enerġija tagħhom filwaqt li jtejbu l-kumdità tagħhom. Dawn it-tibdiliet jagħmluha aktar faċli għall-unitajiet domestiċi u n-negozji li jsiru aktar involuti fis-sistema tal-enerġija u biex jirreaġixxu għas-sinjali tal-prezzijiet. Dan jeħtieġ ukoll it-tneħħija tal-limiti tal-prezzijiet bl-ingrossa u fil-livell tal-konsumatur, filwaqt li tiġi żgurata l-protezzjoni sħiħa u adegwata lill-konsumaturi domestiċi vulnerabbli. Il-proposti regolatorji l-ġodda se joħolqu wkoll opportunitajiet għal kumpaniji ġodda u innovattivi li joffru lill-konsumaturi għażla akbar ta' servizzi aħjar. Dan se jiffaċilita l-innovazzjoni u d-diġitalizzazzjoni, u jgħin lill-kumpaniji Ewropej biex jiksbu aktar effiċjenza fl-użu tal-enerġija u teknoloġiji b'livell baxx ta' karbonju.

Il-**faqar enerġetiku** huwa sfida kbira madwar l-UE, u għandu l-bażi tiegħu fi djar b'introjtu baxx u b'użu ineffiċjenti tal-enerġija. Fl-2014, il-familji li għandhom l-iktar dħul baxx fl-UE nefqu kważi 9 % tan-nefqa totali tagħhom fuq l-enerġija[37]. Din hija żieda ta' 50 % meta mqabbla mal-10 snin ta' qabel, ħafna iktar milli għal familja medja. Dan il-pakkett jistabbilixxi approċċ ġdid biex jiġu protetti l-konsumaturi vulnerabbli, li jinkludi wkoll l-għajnuna lill-Istati Membri biex inaqqsu l-ispejjeż tal-enerġija għall-konsumaturi billi jiġu appoġġati investimenti fl-effiċjenza enerġetika. Il-proposti tal-Kummissjoni għall-effiċjenza tal-enerġija jitolbu lill-Istati Membri biex jieħdu kont tal-faqar enerġetiku, billi jeżiġu li proporzjon tal-miżuri tal-effiċjenza fl-enerġija jiġu implimentati bħala prijorità fi djar affettwati mill-faqar enerġetiku jew fl-akkomodazzjoni soċjali. L-istrateġiji fit-tul ta' rinnovazzjoni tal-bini tagħhom għandhom ukoll jagħtu kontribut sabiex jittaffa l-faqar enerġetiku. Barra minn hekk, bħala parti mill-proċess ta' Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija, l-Istati Membri għandhom jimmonitorjaw u jirrappurtaw dwar il-faqar enerġetiku, filwaqt li l-

[36] COM(2016) 769.
[37] Ara d-Dokument ta' Ħidma dwar il-Faqar Enerġetiku (nota 4 f'qiegħ il-paġna).

Kummissjoni se tiffaċilita l-iskambju tal-aħjar prattiki. Barra minn hekk, f'konformità mal-isforzi tagħha biex tagħti s-setgħa u tipproteġi lill-konsumaturi, il-Kummissjoni tipproponi ċerti salvagwardji proċedurali qabel ma konsumatur jista' jiġi skonnettjat. Il-Kummissjoni qiegħda twaqqaf Osservatorju tal-Faqar Enerġetiku biex tkun provduta *data* aħjar dwar il-problema u s-soluzzjonijiet tagħha kif ukoll biex tgħin lill-Istati Membri fl-isforzi tagħhom biex jiġġieldu l-faqar enerġetiku.

5. MIŻURI TA' FAĊILITAZZJONI

L-UE diġà qed taħdem ħafna biex tappoġġa t-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa u t-twettiq tat-tliet prijoritajiet ewlenin: l-ewwel l-effiċjenza enerġetika, it-tmexxija globali fl-enerġiji rinnovabbli min-naħa tal-UE u t-trattament ġust għall-konsumaturi. Iżda jeħtieġ li ssir aktar ħidma.

Parzjalment, dan ifisser li l-qafas regolatorju tal-UE għandu jiġi stabbilit għal wara l-2020 — għalhekk il-proposti dwar it-tfassil tas-suq, l-effiċjenza fl-enerġija, is-sorsi ta' enerġija rinnovabbli u l-governanza, li jikkomplementaw l-inizjattivi li l-Kummissjoni diġà ppreżentat dwar l-azzjoni klimatika u l-mobilità b'emissjonijiet baxxi[38].

Jeħtieġ ukoll li l-UE tiffaċilita t-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa permezz ta' strumenti oħra tagħha. Dawn jinkludu l-użu ta' firxa wiesgħa ta' politiki tal-UE: l-infurzar effettiv tar-regolamentazzjoni tal-UE, l-applikazzjoni tal-finanzjament tal-UE b'mod effettiv, koerenti u l-inkoraġġiment ta' sħubiji mal-partijiet interessati.

It-transizzjoni lejn enerġija nadifa mhux se sseħħ mingħajr **azzjoni mill-bosta partijiet ikkonċernati** mis-soċjetà ċivili u fil-livell reġjonali u lokali. Il-bliet, ir-reġjuni, l-intrapriżi, l-imsieħba soċjali u l-partijiet ikkonċernati oħra għandhom jiġu involuti b'mod attiv fid-diskussjonijiet dwar it-tranżizzjoni tal-enerġija, b'mod partikolari fil-kuntest tal-Pjanijiet Integrati dwar l-Enerġija u l-Klima sabiex dawn iwieġbu b'mod adegwat għall-ħtiġijiet tat-territorji differenti.

L-azzjonijiet meħtieġa se jevolvu maż-żmien. Fil-qafas tal-Istat tal-Unjoni tal-Enerġija annwali, il-Kummissjoni se tirrapporta dwar l-implimentazzjoni tal-azzjonijiet biex tissaħħaħ it-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa ppreżentata flimkien ma' dan il-pakkett u żżid azzjonijiet ġodda kif meħtieġ.

Biex tagħti spinta lill-kompetittività tal-Ewropa u lill-użu ta' teknoloġiji tal-enerġija nadifa, il-Kummissjoni qed tippreżenta, bħala parti minn dan il-pakkett, **inizjattiva biex taċċellera l-innovazzjoni fl-enerġija nadifa[39]**. Din l-inizjattiva tistabbilixxi għadd ta' miżuri speċifiċi biex jitjieb l-ambjent regolatorju, ekonomiku u ta' investiment għall-innovazzjoni f'teknoloġiji u sistemi ta' enerġija nadifa. Filwaqt li tibni fuq il-Pjan Strateġiku Ewropew għat-Teknoloġija tal-Enerġija (SET) u l-ħidma li għaddejja dwar l-Aġenda Strateġika għar-Riċerka u l-Innovazzjoni fit-Trasport (STRIA), din tinkludi wkoll għadd limitat ta' prijoritajiet integrati ggwidati mir-riċerka, l-innovazzjoni u l-kompetittività b'appoġġ għall-objettivi strateġiċi ta' dan il-pakkett. Din il-prijoritizzazzjoni msaħħa se tikkontribwixxi għall-iffukar mill-ġdid ta' sehem sinifikanti tar-riżorsi mill-Orizzont 2020 (mill-inqas EUR 2 biljun)

---

[38] Ara l-Komunikazzjoni "L-aċċellerazzjoni tat-transizzjoni tal-Ewropa lejn ekonomija b'livell baxx ta' karbonju" (COM(2016) 500) u l-Komunikazzjoni dwar Strateġija Ewropea għal mobilità b'emissjonijiet baxxi (COM(2016) 501).

[39] COM(2016) 763.

u tiggwida l-appoġġ pubbliku u l-investimenti privati fl-UE kollha. Barra minn hekk, il-Kummissjoni se tittestja approċċ ġdid ta' finanzjament biex tappoġġa l-innovazzjoni b'riskju għoli u b'impatt qawwi fil-qasam tal-enerġija nadifa u ssaħħaħ l-attivitajiet tal-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija, u b'mod partikolari, tal-Komunitajiet ta' Għarfien u Innovazzjoni (KICs) rilevanti sabiex tiġi promossa l-intraprenditorija u l-adozzjoni mis-suq ta' soluzzjonijiet innovattivi, b'emissjonijiet baxxi tal-karbonju u effiċjenti fl-użu tal-enerġija.

Biex jinħolqu t-tkabbir u l-impjiegi, l-industrija tal-UE trid tkun fuq quddiem fit-tranżizzjoni tal-enerġija nadifa. Il-Kummissjoni se tappoġġja **inizjattivi mmexxija mill-industrija** biex tippromwovi tmexxija globali min-naħa tal-UE fl-enerġija nadifa u f'soluzzjonijiet teknoloġiċi b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju. Dawn l-inizjattivi għandu jkollhom l-għan li jsaħħu r-rabtiet industrijali fil-katina tal-valur kollha kemm hi u jintegraw lill-atturi mhux ekonomiċi bħall-imsieħba soċjali u l-organizzazzjonijiet tal-konsumaturi. Il-Kummissjoni se tiddiskuti wkoll mal-partijiet ikkonċernati rilevanti dwar il-ħtieġa li jitwaqqaf "forum industrijali dwar l-enerġija nadifa" li jista' jlaqqa' flimkien diversi fergħat (enerġija-trasport-manifattura-diġitali, eċċ.) u ssir diskussjoni kollettiva dwar kif jistgħu jiġu ottimizzati l-benefiċċji ta' tranżizzjoni tal-enerġija nadifa għall-industrija tal-UE, u kif għandha tiġi promossa l-kompetittività globali tagħna u l-kollaborazzjoni internazzjonali.

L-Istati Membri għandhom jindirizzaw ukoll l-impatt soċjali, fuq il-ħiliet u industrijali tat-tranżizzjoni tal-enerġija nadifa u jirriflettu dan l-impatt fil-Pjanijiet Nazzjonali tal-Enerġija u tal-Klima tagħhom. Il-Kummissjoni se teżamina kif l-aħjar **tappoġġa t-tranżizzjoni f'reġjuni b'livell għoli ta' faħam u karbonju**. Għal dan l-għan, se taħdem bi sħubija mal-atturi kollha ta' dawn ir-reġjuni, tipprovdi gwida, b'mod partikolari għall-aċċess għall-fondi u l-programmi disponibbli u għall-użu tagħhom, u tħeġġeġ l-iskambju ta' prattiki tajbin, inklużi diskussjonijiet dwar pjanijiet direzzjonali u l-iżviluppar mill-ġdid tal-ħiliet meħtieġa, permezz ta' pjattaformi mmirati.

B'mod aktar ġenerali, il-Kummissjoni se tipprovdi pjattaformi għas-setturi u l-ħaddiema biex jadattaw **il-ħiliet** għall-ħtiġijiet ta' tranżizzjoni tal-enerġija nadifa. Abbażi tal-esperjenza bl-ewwel proġetti pilota skont l-Aġenda għall-Ħiliet għall-Ewropa[40] għas-setturi tal-karozzi u tat-teknoloġija marittima, fl-2017 il-Kummissjoni se tintroduċi Skemi Ġodda ta' Kooperazzjoni Settorjali dwar il-Ħiliet fil-qasam tal-enerġija rinnovabbli u għas-settur tal-kostruzzjoni b'enfasi fuq teknoloġiji b'użu baxx ta' karbonju.

Dan il-pakkett qed iżid ukoll l-azzjoni tal-UE biex jitneħħew **is-sussidji fuq il-fjuwils fossili ineffiċjenti** f'konformità mal-impenji internazzjonali taħt il-G7 u l-G20 u fil-Ftehim ta' Pariġi. L-appoġġ pubbliku li għad fadal iżda li huwa xorta waħda sinifikanti għaż-żejt, il-faħam u l-fjuwils b'livell għoli ta' karbonju jkompli jgħawweġ is-suq tal-enerġija, joħloq ineffiċjenza ekonomika u jtellef l-investiment fit-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa u l-innovazzjoni. Ir-riforma fuq it-tfassil tas-suq qed tneħħi d-dispaċċ prijoritarju għall-faħam, il-gass u l-pit u se tillimita l-ħtieġa għal mekkaniżmi ta' kapaċità li ta' spiss kienu jiddependu fuq il-faħam. Il-Kummissjoni se tistabbilixxi wkoll monitoraġġ regolari ta' sussidji għall-fjuwils fossili fl-UE u tistenna li l-Istati Membri jagħmlu użu mill-pjanijiet dwar l-enerġija u l-klima biex jissorveljaw it-tneħħija gradwali tas-sussidji għall-fjuwils fossili. Il-Kummissjoni se twettaq evalwazzjoni REFIT tal-qafas tal-UE dwar it-tassazzjoni fuq l-enerġija sabiex

[40] Ara l-Komunikazzjoni "*Aġenda Ġdida għall-Ħiliet għall-Ewropa: Naħdmu flimkien biex insaħħu l-kapital uman, l-impjegabbiltà u l-kompetittività (COM(2016) 381).*

tiddefinixxi l-passi possibbli li jmiss tagħha anke fil-kuntest ta' sforzi biex jitneħħew is-sussidji għall-fjuwils fossili.

Il-politiki ta' **kooperazzjoni esterna u għall-iżvilupp** tal-UE huma għodod importanti biex jappoġġaw it-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa globalment u jgħinu lis-sħab tagħna f'pajjiżi ġirien u f'pajjiżi li qed jiżviluppaw f'dan il-proċess[41].

L-UE qed issaħħaħ il-kooperazzjoni mal-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent, it-Turkija u l-ġirien tan-Nofsinhar u dawk tal-Lvant dwar l-effiċjenza fl-enerġija. Tnedew l-ewwel erba' proġetti pilota biex jiżdiedu l-investimenti fl-effiċjenza tal-enerġija fis-settur tal-bini u possibbilment fl-2017 se jiġu estiżi għal firxa usa' ta' pajjiżi sħab. L-UE se ssaħħaħ ukoll il-finanzjament għall-effiċjenza enerġetika fil-bini fl-istrumenti ta' finanzjament rilevanti ta' Qabel l-Adeżjoni u tal-Viċinat.

L-Afrika hija sieħeb privileġġat tal-UE u s-Sħubija għall-Enerġija bejn l-Afrika u l-UE tipprovdi l-qafas ta' kooperazzjoni konġunta tal-enerġija. L-UE qiegħda wkoll tappoġġa l-Inizjattiva għall-Enerġija Rinnovabbli fl-Afrika.

In-negozji Ewropej jistgħu jużaw dawn l-opportunitajiet biex joffru l-eċċellenza tagħhom fl-esportar jew fl-investiment fl-effiċjenza enerġetika u l-enerġija rinnovabbli fi swieq kompetittivi globali. L-UE għandha l-għan li tilħaq ftehim ambizzjuż dwar il-prodotti ambjentali fl-ambitu tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ u tfittex li jiġu liberalizzati l-prodotti u s-servizzi ambjentali u l-iffaċilitar tal-kummerċ u l-investiment fil-ġenerazzjoni tal-enerġija rinnovabbli fil-ftehimiet kummerċjali bilaterali tagħha.

L-Anness II **"Tissaħħaħ it-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa"** jenfasizza ċerti oqsma li fihom azzjoni konkreta tista' tissaħħaħ f'qasir żmien, tiġi ffokata mill-ġdid jew is-sinerġiji jiġu mtejba biex jiġu appoġġati l-impjiegi, it-tkabbir u l-investiment fl-Ewropa. Dan għandu jgħin ukoll lill-Istati Membri biex jissodisfaw l-impenji tagħhom dwar l-enerġija u l-klima għall-2020 u jippermettilhom li jkunu ambizzjużi fil-wegħdiet tagħhom meta jistabbilixxu l-miri tagħhom għall-2030 b'mod kost-effettiv, u fl-istess waqt jinkoraġġixxu l-partijiet ikkonċernati oħra tas-settur pubbliku u dak privat sabiex jinvolvu ruħhom aktar bis-sħiħ f'din it-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa.

6. KONKLUŻJONIJIET

Il-proposti leġiżlattivi kollha relatati mal-Unjoni tal-Enerġija ppreżentati mill-Kummissjoni fl-2015 u l-2016 jinħtieġu jiġu indirizzati bħala prijorità mill-Parlament u l-Kunsill. Dan kien ukoll enfasizzat mill-Kunsill Ewropew f'Marzu 2016 u appoġġat mill-Parlament Ewropew. Il-progress se jiġi eżaminat fil-Kunsill Ewropew tar-Rebbiegħa 2017.

Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill għandhom iżommu l-koerenza ġenerali ta' dan il-pakkett u l-proposti preċedenti tal-Kummissjoni dwar, pereżempju, is-sistema tal-iskambju tal-kwoti tal-emissjonijiet, il-kondiviżjoni tal-isforzi, l-użu tal-art u l-mobilità b'emissjonijiet baxxi.

[41] Ara l-Komunikazzjoni dwar Proposta għal Kunsens Ewropew ġdid dwar l-Iżvilupp — id-Dinja tagħna, id-Dinjità tagħna, il-Ġejjieni tagħna, COM(2016) 740; u l-Pjan ta' Investiment Estern Ewropew stabbilit.